**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2018 – Pinto Teixeira vs SEAE

## (Kawża T-667/18)

(2019/C 16/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* José Manuel Pinto Teixeira (Oeiras, il-Portugall) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

tiddikjara u tiddeċiedi li,

— id-deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2018 li permezz tagħha l-Awtorità tal-Ħatra rrifjutat li tawtorizzah jeżerċita attività barranija skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, hija annullata;

— is-SEAE huwa kkundannat għall-ispejjeż kif ukoll għall-ħlas tas-somma ta' EUR 10 000 għad-dannu morali sostnut.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, inkwantu d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata wara l-iskadenza tat-terminu ta' tletin jum tax-xogħol minn meta ġiet riċevuta d-dikjarazzjoni tiegħu tal-intenzjoni li jeżerċità attività professjonali wara t-tmiem tas-servizz tar-rikorrent.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jivvizzjaw id-deċiżjoni kkontestata b'illegalità, peress li l-attività proposta manifestament la għandha rabta ma' dik li kien jeżerċita waqt l-aħħar tliet snin ta' servizz, u lanqas ma hija inkompatibbli mal-interessi tas-SEAE.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2018 – ZU vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-671/18)

(2019/C 16/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZU (rappreżentant: C. Bernard-Glanz, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kap tal-Unità ġestjoni u mobilità tal-karriera, fid-Direttorat HR.B tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani (DG HR) tal-Kummissjoni, adottata fit-12 ta’ Ottubru 2018, li permezz tagħha r-rikorrent ġie ttrasferit lura lejn DG OLAF;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kap tal-Unità Ċentru ta’ Ġestjoni tal-Kontabbilità 4, fid-Direttorat HR.AMC tad-DG HR tal-Kummissjoni, adottata fid-29 ta’ Ottubru 2018, li provviżorjament stabbiliet id-data tal-kollokament tiegħu għall-1 ta’ Diċembru 2018;

— tannulla, flimkien ma dawk imsemmija iktar ’il fuq u sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, li għadha ma ġietx adottata, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ insuffiċjenza ta’ trasparenza fil-proċedura ta’ trasferiment, ta’ ksur tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal u ta’ nuqqas ta’ motivazzjoni, ta’ ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent mit-trasferiment forżat, u ta’ ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tad-dritt għal smiegħ xieraq.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ żball manifest ta’ evalwazzjoni tal-interess tas-servizz u ta’ ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ ommissjoni ta’ elementi kruċjali kontra t-trasferiment immedjat tar-rikorrent lejn l-OLAF, ta’ ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba, u ta’ nuqqas ta’ osservanza tal-protezzjoni tal-whistle-blowers prevista fl-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ ksur tad-dmir ta’ diliġenza.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ użu ħażin ta’ poter.